## Rikors ippreżentat fil-15 ta' Jannar 2013 — ZZ vs Il-Kummissjoni

## (Kawża F-5/13)

(2013/C 123/51)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrent:* ZZ (rappreżentant: J. Grayston, G. Pandey, M. Gambardella, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni

### Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

L-annullament tad-deċiżjoni li r-rikorrent ma jiġix inkluż fil-lista ta' riżerva tal-kompetizzjoni EPSO/AD/205/10.

### Talbiet tar-rikorrent

— jannulla d-deċiżjoni tad-9 ta' Marzu 2012 tal-Bord tal-Għażla tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (iktar 'il quddiem l-"EPSO"), innotifikata fil-kont EPSO, li tikkonferma li isem ir-rikorrent mhux ser jiġi inkluż fil-lista ta' riżerva tal-kompetizzjoni (kompetizzjoni EPSO/AD/205/10 (Taxxi/Dwana), li kienet ir-risposta għat-"talba għal eżami mill-ġdid tat-testijiet ta' raġunament", imressqa mir-rikorrent;

— jannulla d-deċiżjoni tat-23 ta' Diċembru 2011 tal-Bord tal-Għażla u tal-EPSO, innotifikata fil-kont EPSO, li tinnotifika lir-rikorrent li ismu ma kienx inkluż fil-"lista ta' riżerva" (database tal-kandidati li għaddew) għaliex huwa ma kienx kiseb il-marka meħtieġa biex jikkwalifika għat-testijiet ta' raġunament verbali;

— jannulla d-deċiżjoni impliċita tal-EPSO u tal-Bord tal-Għażla, li qatt ma ntbagħtet lir-rikorrent, li ma jingħatax id-dokumenti li huwa talab permezz tal-ittra tal-31 ta' Diċembru 2011 (talba ta' aċċess);

— jannulla d-deċiżjoni impliċita ta' EPSO ta' ċaħda tal-ilment ippreżentat mir-rikorrent abbażi tal-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea;

— jannulla l-Avviż ta' Kompetizzjoni EPSO/AD/205/10 (Taxxi/Dwana), ippubblikat fil-ĠU C 292 A/1, tat-28 ta' Ottubru 2010;

— jannulla totalment il-"lista ta' riżerva tal-kompetizzjoni EPSO/AD/205/10 (Taxxi/Dwana)" ippubblikata fil-ĠU C 22 A/1 tas-27 ta' Jannar 2012;

— jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tar-rikorrent.

---

## Rikors ippreżentat fl-4 ta' Frar 2013 — ZZ vs EEAS

## (Kawża F-11/13)

(2013/C 123/52)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrent:* ZZ (rappreżentanti: D. Abreu Caldas, S. Orlandi, A. Coolen u E. Marchal, avukati)

*Konvenut:* Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (EEAS)

### Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Annullament tad-deċiżjoni li r-rikorrent jiġi ttrasferit f'impjieg fis-sede tal-EEAS u li tiġi mitmuma l-assenjazzjoni tiegħu f'delegazzjoni tal-UE.

### Talbiet tar-rikorrent

— Jannulla d-deċiżjoni tat-8 ta' Marzu 2012 li r-rikorrent jiġi ttrasferit, b'effett mill-1 ta' Settembru 2012, f'impjieg fis-Sede u li l-assenjazzjoni tiegħu tintemm qabel il-waqt;

— jikkundanna l-EEAS sabiex iħallas ammont li jikkorrispondi għad-differenza bejn dak li jirċievi minn meta ġie ttrasferit lejn is-Sede, fl-1 ta' Settembru 2012 u l-paga preċedenti tiegħu, sal-1 ta' Settembru 2013, data li fiha huwa seta' ġie ttrasferit lejn is-Sede fil-kuntest tal-programm ta' rotazzjoni tal-karigi tal-kapijiet ta' delegazzjonijiet;

— sa fejn meħtieġ, jannulla d-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment tiegħu tal-24 ta' Ottubru 2012;

— jikkundanna lill-EEAS għall-ispejjeż.

---